**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 555/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Jonathan Farrugia**

Seduta tal-4 ta' Novembru, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Jonathan Farrugia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 239888M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer f'xi zmien matul is-sena 2009:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-

1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha u dan bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U b'zieda awtorizzata b'digriet tal-Qorti tat-3 ta' Dicembru 2012, aktar talli f'dawn il-Gzejjer f'Mejju 2010 u x-xhur ta' qabel:

4. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu

d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 ta' Dicembru, 2015 li biha, wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat mhux hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u illiberatu minnhom, fil-waqt illi sabitu hati tal-ewwel u tar-raba' imputazzjonijiet u ikkundannatu fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, ghall-piena ta' disa' (9) xhur prigunerija effettiva u multa ta' tminn mitt Euro (€800) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar minn meta l-hati jiskonta l-piena ta' prigunerija li giet erogata b'din is-sentenza u ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet tal-habs. B'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 u tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9, ikkundannat lill-hati ghall-penali ta' hamsin Euro (€50).

Ai termini tal-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti f'dawn il-proceduri, ossia l-ispejjez relatati mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mija, tnejn u sebghin Euro u erba' centezmi (€172.04) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, ammontanti ghas-somma ta' tliet mija, disgha u sebghin Euro u tnejn u sittin centezmu (€379.62). B'kollox ghalhekk dawn l-ispejjez jammontaw ghas-somma ta' hames mija, wiehed u hamsin Euro u sitta u sittin centezmu (€551.66), liema somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien tliet (3) xhur mid-data tas-sentenza. Kemm il-darba l-hati jonqos li jhallas din is-somma fiz-zmien lilu preskritt, tali somma jew kwalsiasi bilanc dovut minnha jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tal-oggetti kollha esebiti bhala Dok. JF, hlief ghaz-zewg mobile phones formanti parti mill-istess dokument, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Stante illi minkejja messagg suspettuz fuq il-mobile Nokia tal-imputat, ma jirrizultax illi l-mobiles esebiti intuzaw minnu sabiex tigi traffikata d-droga fiz-zmien li ghalih tirreferi l-ewwel imputazzjoni, qed tordna r-rilaxx taz-zewg mobiles formanti parti minn Dokument JF, favur il-hati.

Ordnat wkoll lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga lil Tarquin Vella in konnessjoni mar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 104 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghal dan il-ghan, ordnat li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jonathan Farrugia, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Dicembru, 2015, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha (1) tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati ta' l-ewwel u r-raba' imputazzjoni u tikkonfermaha in kwantu sabitu mhux hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u tirriforma l-piena skond il-ligi jew (2) alternattivament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha hekk kif moghtija mill-Qorti tal-Magistrati u tirriformaha in kwantu ghal piena, billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern skond il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet ukoll xhud bil-gurament rigwardanti l-aggravju dwar il-piena;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. L-appellant jillanja s-sentenza appellata bi tlett aggravji ta' natura legali, dawk fil-mertu kif ukoll dwar il-piena erogata. Ghalkemm fit-talbiet tieghu l-appellant jitlob li tkun revokata s-

sentenza kwantu sejbien ta' htija fl-ewwel u r-raba' imputazzjoni, fil-korp tar-rikors jghid illi l-appell tieghu huwa limitat ghas-sejbien ta' htija dwar l-ewwel imputazzjoni. Fis-sottomissjonijiet orali tieghu l-abbli difensur ccara li mhux qed jikkontesta r-raba imputazzjoni. Dan l-appell ghalhekk huwa dwar l-ewwel imputazzjoni. Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jilmenta mill-mod kif kienet postulata l-ewwel imputazzjoni bil-kliem : "f'xi zmien matul is-sena 2009" u jghid li dan la huwa gust u wisq anqas korrett;

2. L-appellant jiccita is-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Nicolai (Nicolai-Christian Magrin), Referenza Kostituzzjonali numru 29/2008 deciza fis-26 ta' Marzu, 2009. Ezaminat il-mertu ta' dik is-sentenza, izda, jirrizultaw cirkostanzi ben diversi minn xulxin ghaliex fil-kaz ta' Magrin, il-hin tal-gurnata li fih kien allegatament kkommetta l-infrazzjoni kien wiehed krucjali ghal kwistjoni hemm devoluta fejn allura l-prosekuzzjoni kienet indikat il-hin ta' filghodu meta l-kaz allegatament sehh filghaxija. Il-kwistjoni imbaghad kienet orjentata fl-ambitu tal-eccezzjoni ta' *ne bis in idem* wara li rega' tressaq b'imputazzjoni gdida. Fil-kaz odjern, mill-informazzjoni li kellha l-Pulizija, deherilha li kellha tressaq lill-appellant biex iwiegeb ghall-allegat traffikar ta' droga f'xi zmien matul is-sena 2009. Dan iz-zmien ghalhekk gia huwa ristrett ghal dawk it-tnax-il xahar ta' dik is-sena partikolari u f'imputazzjoni ta' bhal dik in disamina ma huwiex mistenni li l-prosekuzzjoni tindika id-data u il-hin meta sehh l-allegat spacc, basta, pero li mill-provi kompilati jirrizulta li dak l-ispacc sehh fil-perjodu indikat;

3. L-appellant hu tal-fehma li la darba l-pulizija kellha informazzjoni li x-xhud taghha kien xtara d-droga f'jum partikolari fil-festa ta' Birzebbugia allura kellha tixlih b'attivita kriminuza

b'riferenza ghal dik id-data. Il-qorti, izda, hi tal-fehma li mill-fatti imputati, l-appellant kellu bizzejjed informazzjoni sabiex ikun f'qaghda ihejji d-difiza tieghu u ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

4. L-appellant jillanja ukoll is-sentenza appellata bil-gravam dwar apprezzament zbaljat tal-provi. Dan l-aggravju igib mieghu l-obbligu li din il-Qorti tezamina l-provi kollha mill-gdid mhux bil-ghan li terga tiddeciedi l-mertu hi *ab initio* izda, bil-ghan li tiddeciedi jekk l-ewwel Qorti setghetx, legalment u ragjonevolment, tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Minn ezami tal-atti processwali jemergi illi dan il-kaz kien rizultat ta' informazzjoni supplita minn persuna intercettata f'cirkostanzi in konnessjoni ma' droga, certu Tarquin Vella. Huwa kien arrestat fit-12 ta' Settembru, 2009 u fi stqarrija li rrilaxxja lill-Pulizija ddikjara li kien xtara gramma kokajina minghand l-imputat fil-festa ta' Birzebbugia, f'Awwissu ta' dik is-sena. Il-Pulizija izda, ghamlu tfittxija fir-residenza tal-imputat appellant fit- 22 ta' Mejju, 2010, Minn dik it-tfittxija rrizultaw boroz tal-plastic trasparenti vojta gewwa *dustbin* , bott baking power u trufijiet ta' boroz bi trab abjad suspettat. Instabet ukoll xi ticpis b'xi sustanza li mill-atti jirrizulta li kienet xi medicina uzata fil-kura tas-sriedaq;

5. Is-sentenza appellata takkludi sintesi l-aktar rilevanti tad-deposizzjonijiet li saru quddiem l-ewwel Qorti, liema sintesi u referenzi huma fidili ghal atti processwali b'mod ezemplari u ghalhekk ma hemm l-ebda htiega li din il-Qorti terga tghaddi in rassenja dawn l-istess deposizzjonijiet hlief fejn ser jirrizulta necessarju;

6. Ezami forensiku mill-espert nominat mill-Qorti juri li t-trab ta' lewn abjad ma rrizultax li kien droga filwaqt illi tracci fuq borza minnhom irrizulta li kienet is-sustanza Kokajina. L-appellant

isejjes il-lanjanzi tieghu fuq in-nuqqas ta' kredibilita' tax-xhud Tarquin Vella u jistaqsi kif jista' jkun emmnut li hu kien xtara gramma Kokajina u mhux xi sustanza ohra. Naturalment l-appellant jaghmel dan il-kwezit fil-kwadru kollu tal-kaz in disamina ghaliex Tarquin Vella jirreferi ghal-allegazzjoni f'Awwissu 2009 filwaqt li t-tfittxija fir-residenza tal-imptuat saret f'Mejju 2010;

7. Il-preokupazzjoni tal-appellant taggira madwar il-presenza ta' Tarquin Vella f'dan il-process penali marbuta mal-fatt illi t-tfittxija fid-dar tal-imputat saret mhux fiz-zmien li Vella qal li xtara l-gramma kokajina izda disa' xhur wara. Ghall-ewwel Qorti, Vella rrizulta persuna inaffidabbli tant li ordnat li jkun investigat dwar il-possibilita' ta' spergur f'kawza kriminali. Wara li rrilaxxja stqarrija, Vella nnega mhux biss li kien ghamel stqarrija, izda addirittura li kkonferma l-istess bil-gurament quddiem il-Magistrat tal-Ghassa u jghid illi qatt ma ttidhed quddiem magistrat biex jaghmel dan. Jghid ukoll illi lanqas il-firma li tikkonferma li ha il-gurament ma hi tieghu. Fl-istess waqt, biddel ukoll il-verzjoni tieghu moghtija fl-istess stqarrija wara li accetta li kien ghamel stqarrija. Mill-atti jemergi illi dan ix-xhud kellu proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati u li d-dikjarazzjoni tieghu kienet potenzjalment tikwalifikah ghal-tnaqqis fil-piena fit-termini tal-artikolu 29 tal-kapitolu 101 tal-ligijiet ta' malta. Dan izda, kellu jkun skopert fil-mori u mhux ghax iddikjara hu;

8. Oltre il-kwistjoni ta' nuqqas ta' affidabilita' ta' dan ix-xhud, jemergi illi minn meta inghatat dik l-informazzjoni, il-Pulizija ma ghamlet xejn fil-konfront tal-appellant. Issa, meta ghamlet it-tfittxija disa' xhur wara, abbinat dak li qal ix-xhud mas-sejba tal-boroz u t-tracca ta' Kokajina. Naturalment il-Pulizija tkun tehtieg iz-zmien taghha biex taghmel verifiki, osservazzjoni ta' suspettat u

hwejjeg simili, pero' li gara f'dan il-kaz hu li l-informazzjoni li ta Vella, ammess li hija korretta fic-cirkostanzi, intuzat mill-prosekuzzjoni bhala prova fl-attivita' cioe', pussess kokaina li saret fil-futur u meta xliet lill-imputat, ghamlet hekk dwar allegata attivita ta' spacc fis-sena 2009 u mhux fl-2010 u s-snin ta' qabel;

9. Huwa ben akkolt fil-gurisprudenza illi d-deposizzjoni ta' persuna li disposta li tikxef lit-traffikant li provdilha d-droga hija bizzejjed, jekk emmnuta mill-Qorti, biex ikun sodisfatt il-vot tal-ligi ex artikolu 30A tal-Kapitolu 101 u ghalhekk sabiex issib htija. Per ezemplari ssir referenza ghas-sentenzi Il-Pulizija vs Paul Mercieca App Krim 437/07 – 25.8.2008; Il-Pulizija vs Noel Cutajar App Krim 213/2016 – 25.2.2019 u Il-Pulizija vs Dorothy Refalo App Krim 275/17 - 26.4.2019. Naturalment kull kaz ghandu jkun ezaminat u deciz fuq il-merti tieghu u fil-kaz odjern, il-kaz kollu jippernja fuq id-deposizzjoni ta' Tarquin Vella li, kif gia intqal irrizulta li huwa bniedem inaffidabbli ghar-ragunijiet moghtija *supra*. Issa, huwa principju iehor akkolt fil-gurisprudenza illi Qorti tista' temmen xhud f'kollox, f'xejn jew f'parti minn dak li jkun qal. Ifisser illi anke jekk ikun inqabad jghid affarijiet mhux minnhom, xorta wahda xhud jista' jitwemmen fi hwejjeg ohra. Pero', fil-fehma ta' din il-Qorti meta xhud jitwemmen f'parti biss mix-xhieda tieghu u meta xhud ser jibbenefika mid-deposizzjoni tieghu, id-deposizzjoni tieghu ghandha tittiehed b'kawtela kbira u fejn possibbli tkun msahha mal-assjem tal-provi fl-atti processwali. Din id-deposizzjoni, ossia parti minnha, ma setghetx tkun msahha mill-prosekuzzjoni ghaliex il-boroz u kantunieri instabu disa' xhur wara l-informazjoni li offra Vella u ma nstabu ebda oggetti ohra komunement relatati mat-traffikar ta' droga;

10. Din il-Qorti tosserva inoltre, illi l-konferma tal-istqarrija ta' Vella bil-gurament saret b'forma li ma tippermittix lill-gudikant

jkollu kontroll shih tas-sitwazzjoni. Dikjarazzjoni guramentata ta' persuna arrestata li dik hija l-istqarrija tieghu, li hija permessa biss skond il-Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta, mhix il-forma idonea ghal fini ta' kontroll. Dik l-istqarrija trid tinqara kelma kelma mill-Magistrat Inkwirenti u tkun registrata b'dak il-mod bid-dikjarazzjoni li saret b'mod volontarju, minghajr weghdiet jew biza' u bil-kawtela precedenti li la darba hekk moghtija tista' tingieb bi prova kontra min jaghmilha;

11. Is-Sentenza appellata hija wahda dettaljata, logika u radikata minn principji legali korretti kif solitament emergenti minn din l-awla. Pero' oltre il-legalita' jehtieg ukoll li l-konkluzzjoni tkun wahda li ghaliha l-qorti setghet tasal ghaliha b'mod rajonevoli. Fil-kwadru ta' dak kollu konsiderat *supra,* din il-Qorti ghandha *a lurking doubt* dwar kemm l-imputat seta' ragjonevolment jinstab hati ta' l-ewwel imputazzjoni tenut kont ukoll l-allegazzjoni tal-imputat inniffsu li kien kellu problemi max-xhud fuq ix-xoghol. Anka jekk fid- deposizzjoni tieghu l-imputat kien xi ftit evaziv, din il-Qorti mhix konvinta li l-kaz kontra l-imputat kien pruvat 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni kif jitlob process penali;

12. Ghal dawn il-motivi, qed tilqa l-ewwel talba u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni dwar l-aggravji rigwardanti l-piena u t-talba ghal-piena aktar miti;

13. Konsegwentement tiddisponi minn dan l-appell billi tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni; thassarha f'dik il-parti li biha sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni u ghalhekk tilliberah minnha u mill-piena imposta ta' disa' xhur prigunerija u multa ta' €800, u tikkonfermha kwantu sabet lll-

appellant hati tar-raba' imputazzjoni u tal-piena hemm imposta; Thassarha inoltre f'dik il-parti li biha kkundannat lill-imputat ghal-hlas tal-ispejjez peritali kwantu n-nomina ta' Dr. Martin Bajada fl-ammont ta' €379.62 stante li r-ricerka dwar it-telefon cellulari tal-imputat ma kienu ta' ebda ghajnuna jew rilevanza ghas-sejbien ta' htija u tikkonfermaha fil-kumplament.